MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 282/2014

**AB**
**u**
**CDB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu civilment nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu ta' l-elfejn u tlieta (2003), u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'VAP 1';
2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed (1), ossia W li llum ghandu l-eta' ta' disa' (9) snin, kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok 'VAP 2';
3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti ma baqghetx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal

separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat tlettax (13) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'VAP 3' u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet opportun datat tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) bin-numru tnejn wiehed wiehed tlieta (2113);

4. Illi r-rikorrenti ilhom separate *de facto* ghal aktar minn erba' (4) snin u cioe' mis-sena elfejn u disgha (2009), ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi skont il-kuntratt surriferit, ir-rikorrent Abdulfattah Ibrahim Shtewi qieghed ihallas l-ammont ta' tliet mija u disa' ewro (€309) fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu Waseem, liema manteniment jizdied bl-ammont ta' tlieta fil-mija (3%) kull sena u liema manteniment ghadu jithallas sal-gurnata ta' llum;
6. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha tordna;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju 2014;

Rat l-affidavit kongunt taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u ilhom legalment separati mit-13 ta' Novembru, 2013;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------